# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.

## Rikors Numru: 256/2019 RM

## Composite Solutions Limited (C-48263)

## Vs

## Joseph Farrugia f'ismu propja u f'isem is-socjeta` Acorn Properties Limited

**Illum, 21 ta' Ġunju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjeta` attrici Composite Solutions Limited fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Novembru 2019, fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut pro et noe ihallas lilhom is-somma ta' hamest elef tmien mija tlieta u erbghin euro u sittin centezmu (€5,843.60) jew kwalunkwe somma ohra li tista' tigi likwidata minn din il-Qorti sal-kompetenza massima taghha, liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz ta' materjal supplit u xoghol ezegwit favur taghhom jew min minnhom, fil-propjeta` taghhom f'Hal Qormi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data li fihom l-ammonti kienu dovuti u/jew bl-imghaxijiet skond il-ligi, sad-data tal-hlas effettiv.

l-intimati jibqghu ingunti biex jidhru in subizzjoni.

Rat illi wara diversi tentattivi ghan-notifika tal-konvenut f'ismu proprju u ghan-nom u f'isem is-socjeta` Acorn Properties Limited, l-istess konvenut fil-kwalitajiet li ġie mħarrek fihom, ġie notifikat bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skont kif awtorizzat permezz ta' digriet moghti waqt is-seduta tal-24 ta' Settembru 2020;

Rat illi madanakollu, minkejja li gie debitament notifikat skont il-ligi, il-konvenut baqa' ma deherx quddiem il-Qorti biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezenta ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni;

Rat ukoll illi l-konvenut naqas milli jidher sabiex iwiegeb ghall-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tieghu[1] u naqas ukoll milli jressaq il-provi tieghu minkejja li nghata l-opportunita` li jaghmel dan fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2021;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tas-socjeta` attrici fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2021;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollja ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

[1] Ara kapitolu fol. 30 u verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2021.

Illi b'din l-azzjoni is-socjeta` attrici qieghda titlob il-hlas ta' somma rapprezentanti l-bilanc dovut fuq prezz ta' materjal konsistenti f'zebgha u prodotti relatati kif ukoll xogholijiet ezegwiti fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom. Andrew Cremona, direttur tas-socjeta` attrici, xehed illi l-fatturi kienu jinhargu f'isem Joseph Farrugia u s-socjeta` Acorn Properties Limited. Mill-atti jirrizulta illi effettivament, il-konvenut Joseph Farrugia huwa direttur kif ukoll azzjonist u r-rapprezentant gudizzjarju tas-socjeta` Acorn Properties Limited[2].

Illi ghalkemm il-konvenut, debitament notifikat bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza, baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba tas-socjeta` attrici fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba tas-socjeta` attrici fl-istess Rikors, huwa ppruvat. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attrici ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba izda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentment, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tieghu fil-grad probatorju mehtieg mil-ligi fil-kamp civili, cioe` li jikkonvinci lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet.

Issa fil-kaz in dizamina jirrizulta illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2020, il-konvenut Joseph Farrugia kif ukoll is-socjeta` Acorn Properties Limited, wara li gew debitament imsejhin ghas-subizzjoni, naqsu milli jidhru biex iwiegbu ghad-domandi in subizzjoni. Skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna[3] , in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala prezunta konfessjoni.

---

[2] Ara vera kopja ta' estratt mehud mis-sit elettroniku ta' Malta Business Registry, a fol. 10 *et seq*.
[3] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et –** deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.

Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[4] li din il-prova wahedha mhux necessarjament bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-success tal-pretensjoni tieghu. Jinghad ukoll illi l-gudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirrizulta min-nuqqas li jitwiegbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti processwali, u dan in omagg ghall-principju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[5], bin-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitoli, dawn :-

"*… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti.*"

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz odjern, oltre ghall-kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut *de proprio* kif ukoll f'isem is-socjeta` Acorn Properties Limited, il-kumpannija attrici ressqet ukoll bhala xhud lid-direttur taghha Andrew Cremona kif ukoll *statement of account* li juri illi l-bilanc dovut minn Joseph Farrugia u minn Acorn Properties Limited ghall-materjal supplit u x-xoghol ezegwit - wara li thallas depozitu akkont[6] - huwa fis-somma ta' €5,843.60, liema ammont qed jigi reklamat fir-Rikors promotur.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-konvenut u fil-qies ta' dan kollu - inkluz il-konfessjoni tal-konvenut fil-kwalitajiet li fihom gie mharrek, ipprovokata min-nuqqas tieghu milli jwiegeb ghall-kapitolu ghas-subizzjoni tieghu - il-Qorti hija tal-fehma illi

---

[4] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et –** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.
[5] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.
[6] Fis-somma ta' €3,980.20 – fol. 36.

s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacjenti u fil-grad mehtieg fil-kamp civili, illi l-ammont reklamat minnha ta' €5,843.60 huwa dovut mill-konvenut Joseph Farrugia f'ismu proprju u f'isem is-socjeta` Acorn Properties Limited.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut JOSEPH FARRUGIA F'ISMU PROPRJU U F'ISEM IS-SOCJETA` ACORN PROPERTIES LIMITED, ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef, tmien mija u tlieta u erbghin Euro u sittin centezmu (€5,843.60) ghar-ragunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez jithallsu mill-konvenut *proprio et nomine*.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**